TORĊA

*minn Joseph Farrugia*

**L-użu tal-karozzi li jaħdmu bl-elettriku... Irridu nagħtu ċans lit-teknoloġija biex pajjiżna jkun vetrina għal dawn it-tip ta' karozzi – Peter Paul Barbara, kordinatur tal-Malta National Electromobility Platform (MNEP)**

---

Aktar kmieni dan ix-xahar, Transport Malta nediet skema ta' għotja finanzjarja biex tinkoraġixxi iktar sewwieqa jinvestu f'karozzi li jaħdmu bl-elettriku, vetturi mgħammra bl-aħħar teknoloġija li hija ferm aktar superjuri minn dik użata f'karozzi simili li kienu fis-suq sa ftit tas-snin ilu. Permezz ta' din it-teknoloġija, sidien ta' dawn il-vetturi minbarra li jkunu qed jiffrankaw minn fuq il-prezz tal-fuel konvenzjonali jkunu wkoll qed jikkontribwixxu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u t-tniġġiż fl-arja.

Għalkemm ir-riżultat minn meta kienu ddaħħlu inċentivi simili lura fl-2011 ma kienux nkoraġġanti, il-gvern preżenti kompla fuq ix-xogħol li kien sar qabel u waqqaf qafas ġdid biex iġib il-politika tiegħu dwar trasport nadif u sostenibbli aktar 'il quddiem.

Għal dan il-għan il-Gvern permezz tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura flimkien ma' Transport Malta, waqqaf pjattaforma (Malta National Electromobility Platform – MNEP) biex permezz tagħha, fost oħrajn jippromwovi dawn it-tip ta' karozzi bil-għan li jassistu l-pajjiż biex jilħaq id-diversi miri ambjentali tiegħu.

Mistoqsi jekk il-Gvern hux qalbu maqtugħa li l-pajjiż jilħaq il-miri tiegħu u li jekk il-pajjiż hux lest li jinvesti iktar f'din it-teknoloġija ġdida, il-Kordinatur Nazzjonali tal-Malta National Electromobility Platform, Peter Paul Barbara, jappella biex nimxu fuq l-istess passi tas-snin imgħoddija riċenti u nagħtu ċans lil din it-teknoloġija wkoll biex timxi 'l quddiem. Il-Gvern irid li pajjiżna jkun vetrina għall-użu ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku, kemm bl-użu tal-karozzi nfushom kif ukoll ta' l-infrastruttura rispettiva. Il–gvern qed jaħdem bis-sħiħ biex dan il-kunċett isir realtà u għal dan il-għan ħareġ bi pjan komprensiv li huwa mmirat li jitlesta fuq medda ta' seba' snin, jiġifieri sas-sena 2020.

Biex ikompli fuq l-istrateġija preċedenti, il-Gvern preżenti ħadem fuq żewġ binarji. L-ewwel: it-twaqqif tal-Malta National Electromobility Platform (MNEP) imsemmija aktar 'il fuq, li hija inizjattiva bejn il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura u Transport Malta. L-MNEP qed ilaqqa' u jisma' lil dawk kollha nvoluti f'din l-industrija biex jgħinu lill-gvern iwettaq b'suċċess l-introduzzjoni tal-karozzi tal-elettriku.

Iċ-ċermen tal-MNEP huwa l-Ministru Joe Mizzi u fl-ogħla livell hemm rappreżentanza wkoll mill-Ministeru u minn Transport Malta li jfasslu l-politika u linji gwida ġenerali.

Imbagħad hemm involuti wkoll uffiċjali tekniċi minn diversi ministeri kif ukoll uffiċjali oħra li jistgħu jkunu involuti f'dan il-proġett nazzjonali minn ministeri oħrajn, dipartimenti governattivi, awtoritajiet pubbliċi, organizzaz-zjonijiet mhux tal-gvern, eċċ.

It-tieni, l-MNEP trid tara wkoll li jkun implimentat il-Malta National Electromobility Action Plan, li huwa pjan nazzjonali konkret li jara li l-vetturi u t-teknoloġija relevanti, fosthom l-infrastruttura u riżors uman meħtieġ, ikun implimentat.

Jikkordina din il-ħidma u t-twettiq tal-Pjan Nazzjonali hemm Peter Paul Barbara. Huwa jgħid li l-pjan ta' azzjoni jinkludi iktar minn 20 proġett li għad iridu jkunu żviluppati u implimentati fis-seba' snin li ġejjin. L-iskop ta' dawn il-proġetti huwa li jgħinu lill-Gvern jilħaq il-miri ambjentali tal-UE, mit-tniġġiż ta' l-arja sat-tibdil fil-klima.

Huwa meħtieġ li biex jitnaqqas it-tniġġiż ta' l-arja mill-vetturi, allura l-MNEP trid jippromwovi iktar il-karozzi li jagħmlu użu mill-mutur elettriku. Hemm diversi tipi ta' karozzi li jagħmlu użu minn mutur elettriku u teknoloġija relatata inkluż vetturi li jaħdmu bil-Hydrogen Fuel Cell.

Barbara jgħid li l-mira primarju ta' l-MNEP huwa li jippromwovi iktar sistemi ta' trasport li huma sostenibbli u aktar "nodfa" billi jużaw fuels aktar nodfa jew li jkun ġġenerati minn sorsi ta' enerġija rinovabbli u allura li permezz tagħhom tittejjeb ukoll il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini.

Fl-2011 il-gvern kien nieda inċentivi għall-promozzjoni u xiri ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku iżda ftit li xejn kienu suċċess. Din id-darba jidher li hemm ottimiżmu li l-iskema se tirnexxi, għaliex?

Barbara qal it-teknoloġija l-ġdida u l-karozzi li qed jiġu ntrodotti fuq is-suq illum – Battery Electric Vehicles – ma kinux għadhom fuq is-suq fl-2011. Ħafna minnhom kienu għadhom fil-fażi ta' ittestjar f'diversi bliet Ewropej u oħrajn. Il-karozzi bl-aħħar teknoloġija innovattiva li hawn illum, bdew jiġu ntrodotti fis-swieq kummerċjali mis-sena li għaddiet, proċess li għadu fil-bidu tiegħu.

Minbarra hekk, qal Barbara, dawn it-tip ta' karozzi kienu għadhom innovattivi u forsi mhux fdati lanqas daqs illum u dan għal diversi raġunijiet fosthom minħabba restrizzjonijiet ta' mudelli, limitazzjonijiet fid-disinn u l-estitka ġenerali tal-karozzi (kemm minn barra u aktar minn ġewwa), charging points, teknoloġija mhux daqshekk affidabbli u nuqqas ukoll forsi ta' żvilupp f'ċerti teknoloġiji.

It-teknoloġija fl-infrastruttura biex tiċċarġja l-karozza ma kenitx għadha żviluppata daqs illum avolja għad irid isir aktar titjib fit-teknoloġiji biex dan isir iktar effiċjenti u f'anqas ħin, kemm mil-lat ta' charging kif ukoll mil-lat ta' effiċjenza tal-batteriji nfushom.

Huwa jgħid li llum wieħed isib diversifikazzjoni ikbar ta' mudelli fis-suq, għalkemm mhux bilfors dawn jinstabu fis-suq lokali jew li se jkunu awtomatikament aċċessibli fis-swieq lokali. U din hija materja kumplessa li l-MNEP għadha qed tindirizza ma' dawk involuti f'dan il-qasam. Huwa jgħid però li f'dawn l-aħħar ftit xhur diġà sar ħafna xogħol f'dan ir rigward u numru minn dawn il-karozzi se jkunu fuq is-suq lokali dalwaqt.

Barbara qal li d-ditti/kumpaniji li jimmanifatturaw dawn il-karozzi jridu jkunu ċerti li kull suq li se jkunu esportati fih ikun suq disponibbli b'mod konkret li jilqa' fih din it-teknoloġija u wisq aktar li jkun preparat għaliha. U dan iħalli numru ta' implikazzjonijiet anke fuq l-aġenti lokali u fuq il-gvern u l-Awtorità tat-Trasport innifisha. Kemm mill-aspett ta' infrastruttura, riżorsi umani u ħtiġijiet tekniċi. Anke fejn jidħlu s-servizzi ta' protezzjoni ċivili. Numru ta' uffiċjali li jaħdmu fis-servizzi ta' l-emerġenza bħal dawk tal-protezzjoni ċivili, diġà qed jieħdu taħriġ ta' kif jiffaċċjaw sitwazzjonijiet u aċċidenti fuq it-triq.

Huwa jgħid li l-mudelli li mistennija jkunu fuq is-suq Ewropew sa l-aħħar ta' din is-sena mhux bil-fors se jkun aċċessibli fis-suq lokali minħabba li numru ta' manifatturi diġà qed ikollhom problemi biex jilqgħu għad-domanda ta' dawn il vetturi, xi whud diġà għandhom problemi ta' nuqqas ta' karozzi meta mqabbel mad-domanda.

Minbarra hekk, Barbara qal li hemm raġunijiet oħra għaliex ditti/kumpaniji li jimmanifatturaw dawn il-vetturi ma jesportawx lejn kwalunkwe suq, fosthom in-nuqqas ta' infrastruttura bħalma huma ċ-charging stations, nuqqas ta' għajnuniet finanzjarji li jingħataw lill-pubbliku biex din it-teknoloġija tippenetra fis-suq, nuqqas ta' promozzjoni dwar l-użu ta' din it-teknoloġija fost il-pubbliku, kif ukoll nuqqas ta' impenn minn gvernijiet rispettivi. Il-Gvern Malti qed jindirizza dan kollu b'mod konkret u bl-aktar mod oġġettiv inkluż bit-twaqqif tal-MNEP u t-tnedija tal-

pjan ta' azzjoni nazzjonali.
Barbara qal li ħafna mill-inizjattivi li ttieħdu minn din l-amministrazzjoni ma kenux jeżistu fl-2011. Huwa semma kif uffiċjali tal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura u ta' Transport Malta ħadmu id f'id biex ikunu salvati wkoll fondi tal-UE li setgħu jintilfu.
Iżda l-isforz kollu li jista' jsir mill-awtoritajiet jista' jisfaxxa fix-xejn jekk il-prezzijiet ta' dawn il-vetturi ma jkunux għall-but tal-konsumatur. Huwa fatt li karozza li taħdem bl-elettriku għadha għolja meta mqabbla ma' vettura konvenzjonali. Fil-fatt id-diskrepanza fil-prezz mhix żgħira għal vettura ta' daqs medju li tesa' ħames persuni.
Min-naħa l-oħra Malta għandha mira nazzjonali li ntrabtet bih mal-Unjoni Ewropea li sas-sena 2020 ikun hawn mal-5,000 karozza tal-elettriku fit-toroq Maltin. Mira li l-gvern preċedenti kkommetta ruħu li jilħaq. Se jirnexxielu l-gvern jilħaq din il-mira?
Barbara qal bħal kwalunkwe mudell ta' karozza, il-prezz ivarja. Il-prezz tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku huwa għoli minħabba l-prezz għoli tal-batterija u li dan ivarja skont il-qies u l-qawwa wkoll.
Barbara qal li kien għalhekk ukoll li l-gvern ra kif jista' jgħin biex din it-teknoloġija tirnexxi bil-fatti u dan billi l-għotjiet finanzjarji ma jkunxu daħka fil-wiċċ imma jitqabblu tajjeb ma' pajjiżi oħrajn.
Huwa qal ukoll li l-iskema hija miftuħa wkoll għal karozzi li jaħdmu bl-elettriku second hand li ma jkunux eqdem minn tnax-il xahar u li ma jkollhomx aktar minn 10,000km. Dan il-fattur huwa importanti, qal Barbara, għax filwaqt li bħala awtoritajiet ipprovaw joħolqu klima tajba li tippromwovi t-teknoloġija fil-pajjiż biex tilqa' għat-teknoloġija , mhux kull kumpanija ta' manifattura kienet jew hija lesta tissupplixi s-suq lokali bil-vetturi tagħha.
Jekk l-iskema għal karozzi second hand tapplikax ukoll għal dawk importati mill-Ingilterra jew il-Ġappun, Barbara qal li tapplika wkoll għalkemm hemm ċertu kundizzjonijiet li jridu jkunu mħarsa u osservati.
Il-Ministru Joe Mizzi kien minn tal-ewwel li beda juża karozza li taħdem bl-elettriku anke bħala promozzjoni u mistoqsi dwar jekk il-gvern għandux jibda jagħti eżempju, Barbara qal li fil-fatt huwa l-pjan tal-gvern li jibda jibdel il-flotta tiegħu, proċess li iżda jrid isir f'diversi fażijiet kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali u wara studju kif se jitwettaq. Studju li qed isir bħalissa.
Fattur ieħor importanti biex persuna tkun inkoraġġita tixtri vettura li taħdem bl-elettriku huwa l-aċċessibbilità taċ-charging points. Diġà qed jidhru charging points madwar il-pajjiż u Barbara qal li l-gvern ħa ħsieb li ċ-charging points ikunu mferrxa kemm jista' jkun madwar Malta u Għawdex u li jilħqu kemm jista' jkun lokalitajiet u fuq kollox ikunu aċċessibbli.



Fuq liema kriterji jew bażi ġew identifikati l-lokalitajiet fejn jiġu nstallati ċ-charging points, Barbara qal li meta dan il-proċess kien qed ikun ippjanat, il-Ministeru stieden lil Kunsilli Lokali biex jissuġġerixxu l-preferenza tagħhom fejn għandhom jitwaħħlu. Huwa qal li mhux kollha għaddew is-suġġerimenti tagħhom. Għalhekk, qal Barbara, il-Ministeru aġixxa skont is-suġġerimenti li rċieva u fejn dehrlu li jagħmel l-iktar sens fil-każijiet fejn ma kienx hemm risposti. Huwa nsista li t-twaħħil ta' l-infrastruttura għadu fil-bidu għax il-points eżistenti huma biss il-bażi tan-network nazzjonali.
Barbara qal li huwa l-għan tal-MNEP li l-minimu ta' points ikun ta' 500 fuq bażi nazzjonali. Ma jagħmilx sens li l-points isiru kollha f'daqqa u dan biex isir skont id-domanda tal-karozzi fis-suq. Minbarra hekk, qal Barbara, ikun qed jintrebaħ iż-żmien biex jinvesti fl-aħjar u fl-aħħar teknoloġiji li jkunu qed jiżviluppaw minn żmien għall-ieħor. Huwa nsista li l-points li qed isiru huma ta' l-ogħla livell u ta' l-istess livell li jinstabu fl-Ewropa u mhux l-intenzjoni tal-gvern li ma joffrix fost l-aqwa servizzi f'dan il-qasam.
Barbara qal li l-MNEP se terġa' tistieden lill-kunsilli lokali jissuġġerixxu siti oħrajn fejn jistgħu jsiru points oħrajn kif ukoll se jiddiskutu mas-settur privat biex fil-faċilitajiet tagħhom ikun jista' jiġi provdut dan is-servizz ukoll.
Barbara qal li wieħed irid jieħu nkunsiderazzjoni wkoll dawk il-persuni li jridu jinvestu f'din it-teknoloġija u ma għandhomx garaxx.
Dwar il-parkeġġi fejn qed ikun innotat li mhux qed ikun hemm parkeġġ riservat għal dawn it-tip ta' vetturi viċin iċ-charging points, Barbara qal li se jibda jkun hemm parkeġġ riservat bil-ħin. Huwa qal li meta wieħed irid jiċċargja l-batterija, irid jibbukkja l-post. Barbara qal li dan isir permezz ta' mobile, kompjuter jew app u l-proċess biex jingħata l-elettriku lill-batterija jkun marbut bil-ħin. Għalhekk, kompla jgħid, wieħed ikollu bżonn iċaqlaq il-karozza biex jagħmel wisa' għal vettura li jkun imiss.
Barbara qal li mhux se jkun permess li jkun hemm karozzi pparkjati għalxejn, u iktar informazzjoni kif ir-regolamenti se jkunu nfurzati jitħabbru la darba n-network jibda jitħaddem. Barbara qal li pajjiżna jrid jimxi pass pass ma' pajjiżi oħrajn Ewropej u huwa l-għan tal-gvern li pajjiżna jkun vetrina għal din it-tip ta' teknoloġija.
Huwa temm jirringrazzja lill-membri tal-istaff ta' Transport Malta u tal-Ministeru li ħadmu bla waqfien biex dan il-proġett jibda jitħaddem kif ukoll lill-Ministru, liċ-ċermen ta' Transport Malta u lis-Segretarju Permanenti għall-appoġġ kontinwu tagħhom fil-ħidma tal-MNEP.

**Charging stations f'Malta u Għawdex**

**MALTA**
Attard
Triq Birkirkara

Birkirkara
Triq il-Vitorja
Triq Fleur-de-Lys

Birżebbuġa
Triq San Patrizju

Floriana
Belt is-Sebħ

Kalkara
Triq ix-Xatt

Mellieħa
Triq Salvinu Vella

Mqabba
Triq il-Parroċċa

Naxxar
Ġnien Toni Vella

Paola
Triq il-Belt Valletta

Pembroke
Triq L.V. Farrugia

Qormi
Triq Ġużè Cardona
Triq il-Gran Mastru

Rabat
Wesgħa tal-Mużew

San Ġwann
Vjal ir-Rihan

Sliema
Qui-Si-Sana

Swieqi
Triq is-Swieqi

Żabbar
Triq il-Labour

Żebbuġ
Triq Sciortino
Żurrieq
Triq Dun Ġużepp Zammit

**GĦAWDEX**
Munxar
Pjazza l-Anfori

Rabat
Pjazza Santu Wistin

Xewkija
Pjazza San Ġwann Battista

Żebbuġ
Triq il-Wied

jfarrugia@unionprint.com.mt